

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 827/2012

tad-29 ta' Ġunju 2012

li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-mezzi għad-divulgazzjoni pubblika ta' pożizzjoni netta f'ishma, il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti, it-tipi ta' ftehimiet, arranġamenti u miżuri li jiżguraw b'mod xieraq li ishma jew strumenti ta' dejn sovrani huma disponibbli għas-saldu u d-dati u l-perjodu għad-determinazzjoni taċ-ċentru ewlieni għal sehem skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-14 ta' Marzu 2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 9(6), 11(4), 12(2), 13(5) u 16(4) tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

Billi:

- (1) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiddetermina l-lista ta' ishma eżentati bħala pass meħtieġ għad-divulgazzjoni lill-pubbliku ta' pożizzjonijiet bin-nieqes fl-ishma kollha mhux eżentati u l-kundizzjonijiet skont liema dik l-informazzjoni għandha tintbagħat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità"). Għaldaqstant, huwa essenzjali li jiġu stipulati wkoll regoli rigward l-arranġamenti u l-miżuri li għandhom jiġu adottati fir-rigward ta' dawk l-ishma mhux eżentati. Biex tkun żgurata koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet dwar bejgħ bin-nieqes li għandhom jidhru fis-seħħ fl-istess ħin, u biex tkun faċilitata perspettiva komprensiva u aċċess kumpatt għalihom minn persuni suġġetti għal dawk l-obbligi, huwa xieraq li jkunu inklużi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kollha meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 236/2012 f'Regolament wieħed.
- (2) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Awtorità mill-awtoritajiet kompetenti u biex jinkiseb l-ipproċessar effiċjenti ta' din l-informazzjoni, hija għandha tiġi skambjata elettronikament, b'mod sigur bl-użu ta' mudell standard.
- (3) Huwa importanti li jkun possibbli aċċess faċli għad-dejta u l-użu mill-ġdid tagħha dwar il-pożizzjonijiet bin-nieqes netti li tkun divulgata lis-suq permezz ta' websajts ċentrali operati jew sorveljati minn awtorità kompetenti. Għal dan il-għan, din id-dejta għandha tkun ipprovduta f'format li jippermetti użu flessibbli tad-dejta u li ma toffrix biss il-possibbiltà ta' dokumenti statiċi, iffeksjati. Fejn ikun teknikament possibbli, għandhom jintużaw

formati li jinqraw bil-magni li jippermettu lill-utenti biex jipproċessaw l-informazzjoni b'mod strutturat u kosteffiċjenti.

- (4) Sabiex tkun żgurata l-pubbliċità ta' din l-informazzjoni għas-suq, minbarra mid-divulgazzjoni fuq il-websajt ċentrali operata jew sorveljata minn awtorità kompetenti, għandu jkun possibbli li d-dettalji ta' pożizzjoni bin-nieqes netta jkunu disponibbli għall-pubbliku b'modi oħra.
- (5) Huwa essenzjali għall-utenti li jkollhom żewġ outputs bażiċi meta jippubblikaw pożizzjonijiet bin-nieqes netti individwali f'ishma li jaqbżu l-limitu ta' pubblikazzjoni rilevanti. Dawn għandhom jinkludu lista kumpatta jew tabella tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti li jaqbżu l-limitu tal-pubblikazzjoni li huma dovuti fil-ħin ta' konsultazzjoni tal-websajt ċentrali u lista jew tabella b'dejta storika dwar il-pożizzjonijiet bin-nieqes netti individwali kollha ppubblikati.
- (6) Meta l-pożizzjoni bin-nieqes netta f'ishma taqa' taħt livell minimu ta' divulgazzjoni rilevanti, id-dettalji, inkluż id-daqs attwali tal-pożizzjoni, għandhom jiġu ppubblikati. Sabiex tiġi evitata konfużjoni għall-utenti li jikkonsultaw websajts ċentrali, id-divulgazzjonijiet ta' pożizzjonijiet li waqgħu taħt 0.5% tal-kapital azzjonarju maħruġ tal-kumpanija kkonċernata, ma għandhomx jibqgħu indefinitivament flimkien mal-pożizzjonijiet haġġin, iżda għandhom ikunu disponibbli bħala dejta storika wara li jkunu ešebiti għal 24 siegħa.
- (7) Sabiex ikun ipprovdut qafas konsistenti u ċar li xorta jkun flessibbli, huwa importanti li jkunu speċifikati t-tipi ta' ftehimiet ta' self u talbiet infurzabbli oħra li għandhom effett simili u t-tipi ta' arranġamenti ma' parti terza li b'mod xieraq jiżguraw li ishma jew strumenti ta' dejn sovrani se jkun disponibbli għal saldu, u jispeċifikaw il-kriterji li tali ftehimiet u arranġamenti għandhom jissodisfaw.
- (8) L-użu tad-drittijiet ta' sottoskrizzjoni għal ishma ġodda b'rabta ma' bejgħ bin-nieqes jista' b'mod xieraq jiżgura disponibbiltà għal saldu biss meta l-arranġament huwa tali li jiżgura li s-saldu ta' bejgħ bin-nieqes isir meta jkun dovut. Għaldaqstant, huwa essenzjali li jkunu speċifikati r-regoli li jiżguraw li l-ishma li jirriżultaw mid-drittijiet ta' sottoskrizzjoni, huma disponibbli fid-data tas-saldu jew qabel, u fi kwantità li talanqas tkun ekwivalenti għall-għadd ta' ishma maħsuba li jinbiegħu bin-nieqes.

⁽¹⁾ ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1.

- (9) Fid-definizzjoni ta' arranġamenti ta' konferma limitati biż-żmien, huwa importanti li jkun speċifikat il-qafas ta' żmien li jkopri l-bejgħ bin-nieqes permezz ta' xiri b'mod kompatibbli ma' ċikli ta' saldu differenti f'gurdizzjonijiet differenti.
- (10) Sabiex ikun żgurat b'mod xieraq li huma disponibbli strumenti għal saldu meta persuna naturali jew ġuridika li tidħol f'bejgħ bin-nieqes ikollha arranġament ma' parti terza li taħtha dik il-parti terza tkun ikkonfermat li dak l-istrument kien lokalizzat, huwa essenzjali li jkun hemm fiduċja li l-parti terza hija, meta stabbilita f'pajjiż terz, suġġetta għal sorveljanza xierqa u li hemm l-arranġamenti xierqa għall-iskambju tal-informazzjoni bejn is-superviżuri. Tali arranġamenti xierqa jistgħu jinkludu li tkun firmatarju tal-Memorandum ta' Ftehim stabbilit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO).
- (11) Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa tar-rekwiżit biex ikun determinat jekk iċ-ċentru ewlieni tan-negozjar ta' sehem jinsabx barra l-Unjoni, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti tranżizzjonali sabiex tkun determinata għall-ewwel darba l-lista ta' ishma eżentati skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2012. Barra minn hekk, għalkemm il-lista ta' ishma eżentati hija effettiva għal perjodu ta' sentejn, jeħtieġ li tkun ipprovduta xi flessibilità peress li hemm każijiet fejn reviżjoni ta' dik il-lista tista' tkun meħtieġa matul il-perjodu ta' sentejn.
- (12) Sabiex tkun żgurata konsistenza, id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun l-istess bħal dik tar-Regolament (UE) Nru 236/2012. Madanakollu, sabiex il-persuni naturali u ġuridiċi jkollhom ħin suffiċjenti biex jipproċessaw il-lista ta' ishma eżentati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 236/2012, il-preparazzjoni ta' din il-lista u l-pubblikazzjoni sussegwenti tagħha fuq il-websajt tal-Awtorita'għandha ssir biżżejjed bil-quddiem qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 236/2012. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet dwar id-data u l-perjodu għall-kalkoli taċ-ċentru prinċipali tan-negozjar, id-data ta' notifika lill-Awtorita'tal-ishma li għandhom iċ-ċentru prinċipali tan-negozjar barra l-Unjoni, u l-effettività tal-lista ta' ishma eżentati, għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (13) Peress li r-Regolament (UE) Nru 236/2013 irrikonoxxa li għandhom ikunu adottati standards tekniċi vinkolanti qabel ma dak ir-Regolament ikun jista' jkun applikat b'mod utli, u peress li huwa essenzjali li jkunu speċifikati qabel l-1 ta' Novembru 2012 l-elementi mhux essenzjali meħtieġa biex tkun faċilitata l-konformità tal-parteċipanti tas-suq ma' dak ir-Regolament u l-infurzar mill-awtoritajiet kompetenti, xieraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu.
- (14) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomessi mill-Awtorita' lill-Kummissjoni.

- (15) L-Awtorita'wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ⁽¹⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni u jispeċifika dan li ġej:

- (a) il-mezzi li bihom l-informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet bin-nieqes netti jistgħu jkunu divulgati lill-pubbliku minn persuni naturali jew ġuridiċi kif ukoll il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Awtorita'mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 9(6) u l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012;
- (b) it-tipi ta' ftehimiet, arranġamenti u miżuri li jiżguraw b'mod xieraq li l-ishma huma disponibbli għal saldu u t-tipi ta' ftehimiet jew arranġamenti li jiżguraw b'mod adegwat li d-dejn sovrani huwa disponibbli għal saldu skont l-Artikoli 12(2) u 13(5) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012;
- (c) id-data u l-perjodu għall-kalkoli taċ-ċentru ewlieni tan-negozjar, in-notifika lill-Awtorita'u l-effettività tal-lista rilevanti skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012.

KAPITOLU II

MEZZI GĦAD-DIVULGAZZJONI PUBBLIKA TAL-POŻIZZJONIJIET BIN-NIEQES NETTI SINIFIKANTI FL-ISHMA

[ARTIKOLU 9 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 236/2012]

Artikolu 2

Mezzi li permezz tagħhom l-informazzjoni tista' tiġi divulgata lill-pubbliku

Informazzjoni dwar pożizzjonijiet bin-nieqes netti f'ishma għandha tkun divulgata lill-pubbliku billi titqiegħed fuq il-websajt ċentrali operata jew sorveljata mill-awtorità kompetenti rilevanti skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012. L-informazzjoni għandha tkun divulgata lill-pubbliku permezz ta' mezzi li:

⁽¹⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

- (a) jippubblikawha fil-format speċifikat fl-Anness I b'tali mod li jippermettu lill-pubbliku li jikkonsulta l-websajt biex jaċċessa tabella waħda jew iktar li toffri l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-pożizzjonijiet għal kull emittent ta' sehem;
- (b) jippermettu lill-utenti biex jidentifikaw u jiffiltra jekk il-pożizzjonijiet bin-nieqes netti f'emittent ta' sehem fiż-żmien tal-aċċessar tal-websajt ikunux laħqu jew qabżu l-limitu tal-pubblikazzjoni rilevanti;
- (c) jipprovdu d-dejta storika dwar il-pożizzjonijiet bin-nieqes netti ppubblikati f'emittent ta' sehem;
- (d) jinkludu, meta jkun teknikament possibbli, fajls li jistgħu jitniżżlu bil-pożizzjonijiet bin-nieqes netti ppubblikati u storiċi f'format li jista' jinqara mill-magni, li jfisser li l-fajls huma strutturati b'mod suffiċjenti għal applikazzjonijiet ta' softwer biex jidentifikaw dikjarazzjonijiet ta' fatti individwali affidabbli u l-istruttura interna tagħhom;
- (e) juru għal jum wieħed, flimkien mal-informazzjoni speċifikata fil-punt (b), il-pożizzjonijiet bin-nieqes netti li huma ppubblikati għax waqgħu taħt il-limitu tal-pubblikazzjoni ta' 0.5 % tal-kapital azzjonarju maħruġ, qabel it-tneħħija u t-trasferiment tal-informazzjoni għal taqsima ta' dejta storika.

KAPITOLU III

FORMAT TAL-INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI PPROVDUTA LILL-AETS MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI FIR-RIGWARD TAL-POŻIZZJONIJET BIN-NIEQES NETTI

[ARTIKOLU 11 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 236/2012]

Artikolu 3

Format tal-informazzjoni perjodika

1. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fuq bażi trimestrali lill-Awtorità dwar il-pożizzjonijiet bin-nieqes netti fishma, dejn sovrani u swaps ta' inadempjenza tal-kreditu skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 għandhom jiġu pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fil-format speċifikat fl-Anness II għal dan ir-Regolament
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat lill-Awtorità elettronikament permezz ta' sistema stabbilita mill-AETS li tiżgura li tinżamm il-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni matul it-trażmissjoni tagħha.

Artikolu 4

Format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fuq talba

1. Awtorità kompetenti rilevanti għandha tipprovdi informazzjoni dwar pożizzjonijiet bin-nieqes netti u dejn sovrani jew dwar pożizzjonijiet mikxufa relatati ma' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu sovrani skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 fil-format speċifikat mill-Awtorità fit-talba tagħha.
2. Meta l-informazzjoni mitluba tirrigwarda informazzjoni li tinsab fin-notifika li waslet għand l-awtorità kompetenti skont l-Artikoli 5, 7 u 8 tar-Regolament (UE) Nru 236/2012, dik l-

informazzjoni għandha tiġi pprovduta skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 826/2012 ⁽¹⁾.

3. Informazzjoni mitluba għandha tintbagħat mill-awtorità kompetenti f'format elettroniku, permezz tal-użu ta' sistema stabbilita mill-AETS għall-iskambju tal-informazzjoni li tiżgura li tinżamm il-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni matul it-trażmissjoni tagħha.

KAPITOLU IV

FTEHIMIET, ARRANĠAMENTI U MIŻURI LI JIŻGURAW B'MOD ADEGWAT ID-DISPONIBILTÀ GĦAL SALDU

[ARTIKOLI 12 U 13 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 236/2012]

Artikolu 5

Ftehimiet ta' self u talbiet infurzabbli oħra li għandhom effett simili

1. Ftehim ta' self jew talba infurzabbli oħra msemmija fl-Artikolu 12(1)(b) u l-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 għandhom isiru permezz ta' dawn it-tipi ta' ftehimiet, kuntratti jew pretensjonijiet li jkunu legalment vinkolanti għall-perjodu tal-bejgħ bin-nieqes:

- (a) futuri u swaps: kuntratti ta' futuri u swaps li jwasslu għal saldu fiżiku tal-ishma rilevanti jew tad-dejn sovrani u li talanqas ikopru l-għadd ta' ishma jew l-ammont ta' dejn sovrani propost li jinbiegħ bin-nieqes mill-persuna naturali jew ġuridika, li tkun daħlet għalih qabel jew fl-istess waqt tal-bejgħ bin-nieqes, u li jispeċifikaw kunsinna jew data ta' skadenza li tiżgura li s-saldu tal-bejgħ bin-nieqes jista' isir meta dovut;
- (b) opzjonijiet: kuntratti ta' opzjonijiet li jwasslu għal saldu fiżiku tal-ishma rilevanti jew tad-dejn sovrani u li talanqas ikopru l-għadd ta' ishma jew lammont ta' dejn sovrani propost li jinbiegħ bin-nieqes mill-persuna naturali jew ġuridika, li tkun daħlet għalihom qabel jew fl-istess waqt tal-bejgħ bin-nieqes, u li jispeċifikaw kunsinna jew data ta' skadenza li tiżgura li s-saldu tal-bejgħ bin-nieqes jista' isir meta dovut;
- (c) ftehimiet ta' riakkwist: ftehimiet ta' riakkwist li jkopru talanqas l-għadd ta' ishma jew lammont ta' dejn sovrani propost li jinbiegħ bin-nieqes mill-persuna naturali jew ġuridika, li tkun daħlet għalihom qabel jew fl-istess waqt tal-bejgħ bin-nieqes u li jispeċifikaw data ta' xiri mill-ġdid li tiżgura li jista' isir is-saldu tal-bejgħ bin-nieqes meta dovut;
- (d) ftehimiet fit-tul jew faċilitajiet permanenti: ftehim jew faċilità li tkun saret qabel jew fl-istess waqt tal-bejgħ bin-nieqes, ta' ammont definit minn qabel ta' ishma jew ta' dejn sovrani identifikati speċifikament, li għall-perjodu ta' żmien tal-bejgħ bin-nieqes, tkopri talanqas l-għadd ta' ishma jew lammont

⁽¹⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ta' dejn sovrani propost li jinbiegħ bin-nieqes minn persuna naturali jew ġuridika u tispeċifika data tal-kunsinna jew tal-eżekuzzjoni li tiżgura li jsir is-saldu tal-bejgħ bin-nieqes meta huwa dovut;

- (e) ftehimiet dwar drittijiet ta'sottoskrizzjoni: ftehimiet dwar drittijiet ta' sottoskrizzjoni fejn il-persuna naturali jew ġuridika jkollha l-pussess ta' drittijiet ta' sottoskrizzjoni għal ishma ġodda tal-istess emittent u tal-istess klassi u li jkopru talanqas l-għadd ta' ishma proposti li jinbiegħu bin-nieqes sakemm il-persuna naturali jew ġuridika tkun intitolata li tirċievi l-ishma dakinhar jew qabel is-saldu tal-bejgħ bin-nieqes;
- (f) talbiet oħra jew ftehimiet li jwasslu għall-kunsinna tal-ishma jew tad-dejn sovrani: ftehimiet jew talbiet li talanqas ikopru l-għadd ta' ishma jew l-ammont ta' dejn sovrani propost li jinbiegħ bin-nieqes mill-persuna naturali jew ġuridika, li tkun daħlet għalihom qabel jew waqt il-bejgħ bin-nieqes, u li jispeċifikaw data ta' kunsinna jew ta' eżekuzzjoni li tiżgura li jsir is-saldu meta dovut.

2. Il-ftehim, il-kuntratt jew it-talba għandhom ikunu pprovduti b'mezz durabbli mill-kontroparti lill-persuna naturali jew ġuridika bħala evidenza tal-eżistenza tal-ftehim ta' self jew ta' talba infurzabbli oħra.

Artikolu 6

Arranġamenti u miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' bejgħ bin-nieqes ammess għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar

[-Artikolu 12(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012]

1. Il-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jiddeterminaw l-arranġamenti u l-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-bejgħ bin-nieqes ta' sehem ammess għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar skont l-Artikolu 12(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012.

2. Arranġamenti u miżuri ta' lokazzjoni standard: għandha tfisser arranġamenti, konfermi u miżuri li jinkludu kull wieħed mill-elementi li ġejjin:

- (a) għal konferma tal-lokazzjoni: konferma pprovduta mill-parti terza, qabel ma persuna naturali jew ġuridika tkun daħlet għall-bejgħ bin-nieqes, u li tqis li tista' tagħmel l-ishma disponibbli għas-saldu fil-ħin dovut b'kunsiderazzjoni għall-ammont tal-bejgħ possibbli u l-kundizzjonijiet tas-suq u li tindika l-perjodu li għalihom is-sehem huwa lokalizzat;
- (b) għal konferma sospiża: konferma mill-parti terza, ipprovduta qabel ma jsir il-bejgħ bin-nieqes, li talanqas tkun issospendiet l-għadd ta' ishma mitluba għal dik il-persuna.

3. Arranġament u miżuri standard ta' lokazzjoni fl-istess jum: għandu tfisser arranġamenti, konfermi u miżuri li jinkludu kull wieħed mill-elementi li ġejjin:

- (a) għal talba għal konferma: talba għal konferma mingħand il-persuna naturali jew ġuridika lil parti terza li tiddikjara li l-bejgħ bin-nieqes se jkun kopert minn xiri matul il-jum li fih jseħħ il-bejgħ bin-nieqes;
- (b) għal konferma tal-lokazzjoni: konferma pprovduta mill-parti terza qabel ma tkun daħlet għall-bejgħ bin-nieqes, li tqis li tista' tagħmel l-ishma disponibbli għas-saldu fil-ħin dovut b'kunsiderazzjoni għall-ammont tal-bejgħ possibbli u l-kundizzjonijiet tas-suq u li tindika l-perjodu li għalih l-ishma huma lokalizzati;
- (c) għal konferma ta' faċilità ta' self jew xiri: konferma mill-parti terza, ipprovduta qabel ma jseħħ il-bejgħ bin-nieqes, li sehem huwa faċli biex jissellef jew jinxtara fil-kwantità rilevanti b'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq u informazzjoni oħra disponibbli għal dik il-parti terza dwar il-provvista tal-ishma jew, fin-nuqqas ta' din il-konferma mill-parti terza, li talanqas tkun issospendiet l-għadd ta' ishma mitluba għal persuna naturali jew ġuridika;
- (d) għal monitoraġġ: impenn minn persuna naturali jew ġuridika biex timmonitorja l-ammont ta' bejgħ bin-nieqes li mhux kopert minn xiri;
- (e) għal struzzjonijiet fil-każ ta' nuqqas li jkun kopert: impenn mill-persuna naturali jew ġuridika li fil-każ li bejgħ bin-nieqes esegwit ma jkun kopert minn xiri fl-istess jum, il-persuna naturali jew ġuridika għandha minnufih tibgħat struzzjoni lill-parti terza li takkwista l-ishma li jkopru l-bejgħ bin-nieqes biex jiżguraw saldu fiż-żmien dovut.
4. Arranġamenti u miżuri faċli ta' self jew xiri għandhom ifisser arranġamenti, konfermi u miżuri meta persuna naturali jew ġuridika tidħol għal bejgħ bin-nieqes ta' ishma li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-likwidità stabbiliti fl-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 ⁽¹⁾, jew ishma oħra li huma inklużi f'indiċi ewlieni ta' ekwità nazzjonali kif identifikat mill-awtorità kompetenti rilevanti ta' kull Stat Membru u huma l-istrument finanzjarju sottostanti għal kuntratt derivattiv ammess għan-negozjar fuq websajt tan-negozjar, li jinkludu l-elementi li ġejjin:
- (a) għal konferma tal-lokazzjoni: konferma pprovduta mill-parti terza qabel ma tkun daħlet għall-bejgħ bin-nieqes, li tqis li tista' tagħmel l-ishma disponibbli għas-saldu fil-ħin dovut b'kunsiderazzjoni għall-ammont tal-bejgħ possibbli u l-kundizzjonijiet tas-suq u li tindika l-perjodu li għalihom is-sehem huwa lokalizzat;
- (b) għal konfermi ta' faċilità ta' self jew xiri: konferma mill-parti terza, ipprovduta qabel ma jseħħ il-bejgħ bin-nieqes, li sehem huwa faċli biex jissellef jew jinxtara fil-kwantità rilevanti b'kunsiderazzjoni għall-kondizzjonijiet tas-suq u informazzjoni oħra disponibbli għal dik il-parti terza dwar

⁽¹⁾ ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1.

il-provvista tal-ishma jew, fin-nuqqas ta' din il-konferma mill-parti terza, li talanqas tkun issospendiet l-għadd ta' ishma mitluba għal persuna naturali jew ġuridika;

(c) għal struzzjonijiet biex tkopri: meta bejgħ bin-nieqes esegwit ma jkunx kopert minn xiri jew self, impenn li ser tintbagħat struzzjoni fil-pront mill-persuna naturali jew ġuridika li tagħti struzzjoni lill-parti terza biex takkwista ishma li jkopru l-bejgħ bin-nieqes biex jiżguraw saldu fiż-żmien dovut.

5. L-arranġamenti, il-konfermi u l-istruzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jiġu pprovduti b'mezz durabbli mill-parti terza lill-persuna naturali jew ġuridika bħala evidenza tal-eżistenza tal-arranġamenti, konfermi u struzzjonijiet.

Artikolu 7

Arranġamenti ma' partijiet terzi li għandhom isiru fir-rigward tad-dejn sovrani

[l-Artikolu 13(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012]

1. Il-paragrafi 2 sa 5 għandhom jiddeterminaw l-arranġamenti li għandhom jittieħdu ma' partijiet terzi fir-rigward ta' dejn sovrani skont l-Artikolu 13(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012

2. Arranġament lokalizzat ta' dejn sovrani standard għandu jfisser konferma mill-parti terza, qabel ma jkun daħal f'bejgħ bin-nieqes, li hija tqis li tista' tagħmel id-dejn sovrani disponibbli għas-saldu fil-ħin, fl-ammont mitlub mill-persuna naturali jew ġuridika, filwaqt li tikkunsidra l-kundizzjonijiet tas-suq u tindika l-perjodu li għalih huwa lokalizzat id-dejn sovrani.

3. Arranġament ta' konferma limitat biż-żmien: għandu jfisser arranġament fejn il-persuna naturali jew ġuridika tiddikjara lill-parti terza li l-bejgħ bin-nieqes ser ikun kopert minn xiri matul l-istess jum tal-bejgħ bin-nieqes u l-parti terza tikkonferma li, qabel ma jkun seħħ il-bejgħ bin-nieqes, li għandha aspettattiva raġonevoli li d-dejn sovrani jista' jinxtara fil-kwantità rilevanti b'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq u informazzjoni oħra disponibbli għal dik il-parti terza dwar il-provvista tal-istrumenti tad-dejn sovrani fil-jum li jseħħ il-bejgħ bin-nieqes.

4. Konferma ta' riakkwist bla kundizzjoni: għandu jfisser konferma fejn parti terza tikkonferma, qabel ma jkun seħħ bejgħ bin-nieqes, li għandha aspettattiva raġonevoli li s-saldu jista' iseħħ meta dovut bħala riżultat tal-parteċipazzjoni tagħha f'arranġament b'bażi strutturali, organizzat jew operat minn bank ċentrali, uffiċċju tal-ġestjoni tad-dejn jew sistema tas-saldu tat-titoli, li jipprovdwi aċċess bla kundizzjoni għad-dejn sovrani inkwistjoni għal daqs konsistenti mad-daqs tal-bejgħ bin-nieqes.

5. Konferma ta' dejn sovrani faċli biex jinxtara: għandu jfisser konferma mill-parti terza, ipprovduta qabel ma jsir il-bejgħ bin-nieqes, li jkollha aspettattiva raġonevoli li s-saldu jista' isir meta

dovut abbażi li d-dejn sovrani inkwistjoni huwa faċli biex jissellef jew jinxtara fil-kwantità rilevanti meta jkunu meqjusa l-kundizzjonijiet tas-suq u kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli għal dik il-parti terza dwar il-provvista ta' dejn sovrani.

6. L-arranġamenti, il-konfermi u l-istruzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 sa 5 għandhom ikunu pprovduti b'mod sostenibbli mill-parti terza lill-persuna naturali jew ġuridika bħala evidenza tal-eżistenza tal-arranġamenti, il-konfermi u l-istruzzjonijiet.

Artikolu 8

Partijiet terzi li magħhom isiru arranġamenti

1. Meta jsir arranġament imsemmi fl-Artikoli 6 u 7 minn parti terza; il-parti terza għandha tkun waħda minn dawn it-tipi li ġejjin:

(a) fil-każ ditta tal-investment: ditta tal-investment li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2;

(b) fil-każ ta' kontroparti ċentrali: kontroparti ċentrali li tapprova l-ishma rilevanti jew id-dejn sovrani;

(c) fil-każ ta' sistema ta' saldu tat-titoli: sistema ta' saldu tat-titoli kif definit fid-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ li tħallas il-pagamenti fir-rigward tal-ishma rilevanti jew id-dejn sovrani;

(d) fil-każ ta' bank ċentrali: bank ċentrali li jaċċetta l-ishma rilevanti jew id-dejn sovrani bħala kollateral jew li jagħmel tranżazzjonijiet ta' suq miftuħ jew ta' riakkwist fir-rigward tal-ishma rilevanti jew tad-dejn sovrani;

(e) fil-każ ta' entità ta' ġestjoni tad-dejn nazzjonali: entità ta' ġestjoni tad-dejn nazzjonali tal-emittent tad-dejn sovrani rilevanti;

(f) kwalunkwe persuna oħra li hija soġġetta għal awtorizzazzjoni jew għal rekwiżiti ta' reġistrazzjoni skont il-liġi tal-Unjoni minn membru tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji u tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2;

(g) persuna stabbilita f'pajjiż terz li hija awtorizzata jew reġistrata u hija soġġetta għal superviżjoni minn awtorità f'dak il-pajjiż terz u li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2, sakemm l-awtorità tal-pajjiż terz hija parti minn arranġament ta' kooperazzjoni xieraq dwar l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtorità kompetenti rilevanti.

⁽¹⁾ ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45.

2. Għall-finijiet tal-punti (a), (f) u (g) tal-paragrafu 1, il-parti terza għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) tipparteċipa fil-ġestjoni tas-self jew ix-xiri tal-ishma rilevanti jew id-dejn sovrani;
- (b) tipprovdi evidenza ta' tali parteċipazzjoni;
- (c) tkun kapaċi, fuq talba, tipprovdi evidenza tal-kapaċità tagħha li tikkunsinna jew li tipproċessa l-kunsinna tal-ishma jew id-dejn sovrani fid-dati li fihom timpenja ruħha li tagħmel hekk lill-kontrapartijiet tagħha inkluża evidenza statistika.

KAPITOLU V

DETERMINAZZJONI TA' ĊENTRU EWLIENI TAN-NEGOZJAR GĦALL-FINI TA' EŻENZJONI

[ARTIKOLU 16 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 236/2012]

Artikolu 9

Data u perjodu għal kalkoli ta' ċentru ewlieni tan-negozjar

1. Awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jaġhmlu kwalunkwe kalkolu li jiddetermina ċ-ċentru ewlieni tan-negozjar għal sehem talanqas 35 jum kalendarju qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 fir-rigward tal-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Diċembru 2011.

2. Qabel it-22 ta' Frar 2014, għandhom isiru kalkoli sussegwenti fir-rigward tal-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2013, u kull sentejn minn hemm 'il quddiem rigward il-perjodu ta' sentejn sussegwenti.

3. Meta s-sehem ikkonċernat ma kienx ammess għan-negozjar matul il-perjodu kollu ta' sentejn dwar iċ-ċentru tan-negozjar fl-Unjoni u ċ-ċentru tan-negozjar tal-pajjiż terz, il-perjodu għall-kalkolu għandu jkun il-perjodu li matulu is-sehem kien ammess għan-negozjar fiż-żewġ ċentri fl-istess ħin.

Artikolu 10

Data ta' notifika lill-Awtorita'

L-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorita' dwar dawk l-ishma li ċ-ċentru ewlieni tan-negozjar tagħhom huwa barra l-Unjoni talanqas 35 jum kalendarju qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 u wara dak inhar, qabel l-ewwel jum tan-negozjar f'Marzu ta' kull tieni sena li jibda minn Marzu 2014.

Artikolu 11

Effettività tal-lista ta' ishma eżentati

Il-lista ta' ishma ċ-ċentru ewlieni tan-negozjar tagħha jinsab barra l-Unjoni, għandha tkun effettiva mill-1 ta' April wara l-pubblikazzjoni tagħha mill-Awtorita', ħlief li l-ewwel lista ppubblikata mill-Awtorita' għandha tkun effettiva mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 236/2012.

Artikolu 12

Każijiet speċifiċi ta' revizzjoni ta' ishma eżentati

1. Awtorità kompetenti rilevanti li tiddetermina jekk iċ-ċentru prinċipali tan-negozjar għal sehem jinsabx barra mill-Unjoni wara waħda miċ-ċirkustanzi stabbiliti fil-paragrafu 2, għandha tiżgura li:

- (a) kwalunkwe kalkolu li jiddetermina ċ-ċentru prinċipali tan-negozjar isir maljr kemm jista' jkun wara li jirriżultaw iċ-ċirkustanzi rilevanti u fir-rigward tal-perjodu ta' sentejn li jiġi qabel id-data tal-kalkolu;
- (b) tinnotifika lill-Awtorita' bid-determinazzjoni tagħha malajr kemm jista' jkun u fejn rilevanti, qabel id-data tal-ammissjoni għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar fl-Unjoni

Kwalunkwe lista riveduta għandha tkun effettiva mill-jum tal-pubblikazzjoni mill-Awtorita'.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 japplikaw meta:

- (a) l-ishma ta' kumpanija jitneħħew min-negozjar fuq bażi permanenti miċ-ċentru ewlieni tan-negozjar barra mill-Unjoni;
- (b) l-ishma ta' kumpanija min-negozjar fuq bażi permanenti miċ-ċentru ewlieni tan-negozjar fl-Unjoni; jew
- (c) l-ishma ta' kumpanija li qabel kienet ammess għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar barra l-Unjoni huma ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar fl-Unjoni.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Novembru 2012, ħlief l-Artikoli 9, 10 u 11 li għandhom jibdeu japplikaw mid-data msemmija fl-ewwel paragrafu.

ANNEX II

Format tal-informazzjoni li għandha tiġi provduta lill-Awtorita' fuq bażi trimestrali (Artikolu 3)

Informazzjoni	Format
1. Identifikazzjoni tal-emittent	Għal ishma: isem sħiħ tal-kumpanija li jkollha l-ishma ammessi għan-negozjar fis-sit tan-negozjar Għal dejn sovrani: isem sħiħ tal-emittent Għal swaps ta' inadempjenza tal-kreditu sovrani mikxufa: isem sħiħ tal-emittent sovrani sottostanti
2. ISIN	Għal ishma biss: ISIN tal-klassi ewlenija tal-ishma ordinarji tal-emittent. Jekk ma hemmx ishma ordinarji ammessi għall-kummerċ, l-ISIN tal-klassi tal-ishma preferenzjali (jew il-klassi ewlenija tal-ishma preferenzjali ammessi għan-negozjar jekk hemm diversi klassijiet ta' ishma bħal dawn)
3. Kodiċi tal-pajjiż	Kodiċi b'żewġ ittri għall-pajjiż tal-emittent sovrani skont l-Istandard ISO 3166-1
4. Data tal-pożizzjoni	Data li fiha l-pożizzjoni hija rrapportata. Format skont l-standard ISO 8601: tal-2004 (ssss-xx-jj)
5. Pożizzjoni bin-nieqes netta aggregata kuljumdwar ishma tal-indiċi nazzjonali ewlenin	Ċifra perċentwali mqarrba għal 2 punti deċimali
6. Tmiem tal-kwart aggregat pożizzjoni bin-nieqes netta fuq ishma oħra	Ċifra perċentwali mqarrba għal 2 punti deċimali
7. Pożizzjonijiet bin-nieqes netti aggregati kuljum fid-dejn sovrani	Ċifra ta' ammont nominali ekwivalenti f'Euro
8. Pożizzjonijiet dwar swaps ta' inadempjenza tal-kreditu aggregati kuljum mikxufata' emittent sovrani	Ċifra ta' ammont nominali ekwivalenti f'Euro